# KIKO U L-ID



COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE

KIKO U L-ID





Dan Kiko.
U maġenb Kiko hemm il-ħabiba tiegħu: l-Id.
Forsi qed taħseb, x'użu jista' jkollha id għall-ħabib?
Aktar milli tista' taħseb!

“Ħellooooow Id! Kemm nixtieq intir imma m’għandix ġwienaħ,” qal Kiko.





“Owkejjjj Kiko!” qalet l-Id. “Jien inkun l-ajruplan tiegħek. Tista’ tirkeb. Jien ser nitlaq issa.”

VRRRUUUUUMMMMM … għamel l-ajruplan.

"Ħellooooow Id! Saqajja jridu jiżfnu,
imma m'għandix mużika."

"Owkejjjj, Kiko!" qalet l-Id.
"Inkun jien il-mużiċista tiegħek.
Għandi pjanu u subgħajja jafu jdoqqu!"

PLINN, PLONN, PLINN... għamel il-pjanu.



"Ħellooooow Id! Għandi aptit xi ħaġa tajba imma ma nafx x'inhi."





"Tinkwetax, Kiko! Inkun jien il-furnar tiegħek. Trid torta tat-tuffieħ, taċ-ċikkulata, tas-sugu jew tal-banana?"

"Irrid torta tat-tuffieħ, ċikkulata, sugu u l-banana!" għajjat Kiko.

"JAMM, JAMM, JAMM."



"Ħellooooow Id! Irrid nilgħab Ħarba imma waħdi ma nistax!"

"Tinkwetax, Kiko! Issa nilgħab miegħek jien," qalet l-Id.

"Nista' immisslek xagħrek?" staqsiet l-Id.

" Iva, dażgur li tista'!" wieġeb Kiko.



"Nista' immisslek imnieħrek?" staqsiet l-Id.

"Iva, dażgur li tista'!" wieġeb Kiko.



"Nista' immisslek idek?" staqsiet l-Id.

"Iva, dażgur li tista'!" wieġeb Kiko.

"U nista' immissek taħt il-ħwejjeġ ta' taħt?" staqsiet l-Id.

"LE!" għajjat Kiko. "MA TISTAX!"



"Tajjeb ħafna Kiko," qalet l-Id.
"M'hux sew li xi ħadd imissek taħt il-ħwejjeġ ta' taħt.

U jekk xi ħadd jagħmillek hekk, tkellem .... iżżommhiex sigriet."



"Ħellooooow, Id! Nixtieq immur fid-dinja tal-ħolm, imma ma nafx kif se nasal."

"Kollox sew, Kiko. Issa nurik kif jien. Idħol fis-sodda tiegħek, agħlaq għajnejk u tara kif tasal waħdek mingħajr inkwiet ."



ŻŻŻŻŻŻŻŻ... għamel Kiko.

Madwar tifel/tifla minn kull ħamsa jisfa' vittma tal-vjolenza sesswali, inkluż l-abbuż sesswali. Dan il-ktieb ġie mħejji mill-Kunsill tal-Ewropa bħala parti mill-Kampanja "Wieħed minn kull Ħamsa" sabiex tieqaf il-vjolenza sesswali fuq it-tfal.

**Council of Europe** campaign
**to stop sexual violence**
against children

**wieħed** minn
kull **ħamsa**

Kampanja tal-**Kunsill tal-Ewropa**
**sabiex titwaqqaf il-vjolenza**
**sesswali** fuq it-tfal

www.coe.int/oneinfive

© 2012 Id-drittijiet kollha riżervati – MLT

Kunċett: Grey Amsterdam
Produzzjoni: Not to scale
Illustrazzjonijiet: Punga
Grazzi lil Rikky Schrever u lil Manon Sikkel

Kummissarju għat-Tfal
Commissioner for Children

*Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

wieħed minn kull ħamsa

COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE

Din l-istorja għal ħin l-irqad tispjega lil uliedek, ir-regola "Hemmhekk ma jintmissx". Tista' taqraha lil uliedek sabiex jitgħallmu d-differenza bejn mess li hu tajjeb u mess li hu ħażin. Jekk trid tkun taf aktar dwar is-suġġett, żur dan is-sit: www.underwearrule.org



**JEKK TRID TKUN TAF AKTAR DWAR IS-SUĠĠETT, ŻUR DAN IS-SIT**
**www.underwearrule.org**